MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2015

Numru. 26/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef )**

**vs**

**CAROLINE LI**
**(ID: 437179M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata CAROLINE LI, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 437179(M) giet imressqa quddiemha u akkuzata talli f'dawn il-gzejjer fit-8 ta Dicembru 2013 bejn l-erbgha u nofs ta' filghodu u l-hamsa u kwart ta' filghodu (04.30a.m. u 05.15a.m.) minn gewwa l-Westin Dragonara Casino li jinsab f ' San Giljan u/jew vicinanzi;-

1. Ikkommettiet serq ta’ gakketta li kienet tiswa mitejn Ewro (€200) u li kien fiha elf Ewro (€1000) fi flus kontanti ghad-dannu ta’ Adel E.A Al Tamimi, liema serq huwa kkwalifikat bil-‘*valur*’ u bil-‘*hin*.’

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputata a fol. 14, Fedina Penali tal-imputata a fol. 15, l-okkorrenza mehuda minn PC 407 Kenneth Scicluna a fol. 7 et seq., l-istqarrija tal-imputat a fol. 11 et seq., id-DVD esebit mill-espert nominat mill-Qori Kurt Mahoney u l-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 6 ta’ Jannar 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja (fol. 16) .

Rat illi l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizutla mill-ezami li sar nhar id-19 ta’ Gunju 2014 ( fol. 17).

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lill-imputata tixhed minn jeddha u b’mod volontarju u semghet lix-xhud tad-difiza, zewg l-imputata Riue Li.

**Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b’digriet ta’ Assenjazzjoni tal-Prim’Imhallef datat 21 ta’ April 2014 u b’mod permanenti b’digriet tal-20 ta’ Novembru 2014.**

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz fis-seduta tad-9 ta’ Gunju 2015 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti.

1. L-imputata tul il-lejl bejn is-7 u t-8 ta' Dicembru 2013 kienet marret il-Westin Dragona Casino, f'San Giljan flimkien mar-ragel taghha u dan ghall-habta tal-4.00a.m. kif tghid hi stess fl-istqarrija taghha.
2. Illi l-imputata tghid li kienet fis-sakra u hija u hierga mill-Casino kien hemm gakketta wehidha fuq siggu u waqt li fil-kamra ma kien hemm hadd hadet il-gakketta maghha w marret id-dar biha.
3. Illi appena waslu lura d-dar gabret il-gakketta minn fuq is-*seat* tal-karozza, liema gakketta kienet tal-irgiel, u haditha maghha gewwa darha flimkien mal-basket li kellha.
4. Ili f'xi hin fittxet fil-gakketta biex tara x'kien fiha, izda filwaqt li l-pulizija tallega li kien fiha s-somma ta' elf Ewro (€1000) hija tghid li ma kienx hemm flus go fiha.
5. Ftit wara taf li marru l-pulizija ghandha w ghamlu tfitxija w sabu l-gakketta izda l-allegati flus ma sabuhomx.
6. Illi l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova dwar il-valur tal-gakketta li giet misruqa.

Illi ghalhekk mis-suepost jirrizulta li dwar ir-reat ta' serq tal-gakketta ma hemmx kontestazzjoni, anzi hemm il-konfessjoni taghha stess, pero' fir-rigward tas-somma ta' elf Ewro (€1,000) din l-allegazzjoni hija kontestata mill-imputata.

Illi nhar id-19 ta Gunju 2014 xehed **PS 750 Terry James** u spjega illi nhar it-8 ta' Dicembru 2013 ghall-habta tas-6.45.a.m. kienet marret persuna ta' nazzjonalita' Libjana taghmel rapport l-ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan li rraportat li kellha gakketta gewwa l-Casino Dragonara u din giet mehuda minn terz injot. Skond il-kwerelant, certu Adel Al Tamimi, f'din il-gakketta kien hemm ammont sostanzjali ta' flus, circa elf u tlett mitt Ewro (€1,300). Huwa ghalhekk mar fuq il-post sabiex jinvestiga r-rapport u tkellem mal-manager li kien tal-ghassa dak il-

hin u dan ghaddielu is-*CCTV footage*. Minn ezami ta’ dan is-CCTV ra l-persuna ta’ Caroline Li tiehu din il-gakketta u tohrog biha.

Huwa inghata informazzjoni min kienet il-persuna li harget barra bil-gakketta peress li fil-Casino hemm il-partikolaritajiet ta’ kull min jidhol gewwa. Huwa minnufih mar fil-fond residenzjali taghha flimkien ma’ PS 1540, PC 741, PS 140 u PC 741 u ghamlu tfittxija. Jghid li huwa baqa’ isfel ifittex fil-vettura taghha. Jikkonferma li meta nizlu l-ufficcjali f’idejhom kellhom il-gakketta in kwistjoni . Ikkonferma li t-tfittxija saret xi siegha wara li kien dahal ir-rapport l-ghassa.. Jghid li flus fil-gakketta ma kienx hemm. Ikkonferma li kienu saru tlett *searches,* wahda fid-dar residenzjali ta’ l-imputata, l-ohra fil-vettura taghha w ohra aktar tard wara nofsinhar ta’ l-istess jum, ghalkemm jghid li ghal dik li sehhet wara nofsinhar huwa ma kienx prezenti.

Il-kwerelanti **Adel Al Tamimi** xehed fit-22 ta’ Lulju 2014 u spjega li jiftakar li kien liebes gakketta tal-jeans u kien mar fl-istabiliment maghruf bhal il-Casino ta’ Dragonara. Jiftakar li kien nehha l-gakketta u poggieha ma’ dahar is-siggu fejn kien u sussegwentement qaghad jilghab bil-magni li hemm gewwa il-Casino u jbiddel postu min-naha ghall-ohra. Jghid li aktar tard ha xi cekk mill-kaxxa tal-loghob u mar isarrfu u wara mar jigbor il-gakketta izda ma sabhiex hemm.

Jghid li fil-gakketta kellu is-somma ta’ elf Ewro (€1,000) u kellu wkoll it-*ticket* ta’ Dragonara. Huwa ghamel rapport gewwa l-Casino li ma kienx sab il-gakketta u mar ghand il-pulizija u ghamel rapport hemmhekk ukoll. Jghid li in segwitu’ l-pulizija tawh lura l-gakketta flimkien mal-biljett tal-Casino pero’ l-elf Ewro (€1,000) ma hadhomx lura. Jghid li kien hemm karti tal-mija w hamsin Ewro (€150) pero id-denominazzjoni tal-flus ma ftakarhiex. Jghid li l-elf Ewro (€1000) kienu tieghu billi whud minnhom kien gabhom mieghu u parti ohra kien rebahhom il-Casino, pero’ jikkoregi ruhu w jghid li kien gabhom mieghu kollha kemm huma mid-dar u li kien rebahhom il-Casino f’okkazzjonijiet precedenti.

Qal ukoll li fil-but tieghu kellu xi flus ohra li kien qed juza w dawk ta' gol-gakketta kien warrabhom sabiex ihallas bihom il-kont tad-dawl u tal-ilma. Jghid li dakinhar kien bi hsiebu jibqa' barra sa filghodu w jibqa' sejjer ihallas dan il-kont. Jghid li ma kienx jaf li jkunu maghluqin il-Hadd u jghid li kien ircieva il-kont fil-posta. Jghid li fiz-zmien li nqala' l-incident kien ilu jghix Malta ghall-perijodu ta' tliet xhur. Jghid li dan il-kont huwa tal-post fejn tghix il-familja tieghu. Qal li l-kont tieghu kien kbir pero' qalulu li seta' jhallas bin-nifs.

Qal li dan il-kont kien ikopri perijodu ta' sitt xhur. Jghid li kien ser ihallas kont ta' persuna ohra ta' Nazzjonalita' Libjana, sid il-fond, u dan jismu Adel Mula li fil-prezent kien jinsab il-Libja li kienet ilu ma jigi Malta ghal madwar sena.

Aktar tard jghid li qabel ma beda r-Ramadan, xi tliet gimghat qabel ma xehed, din il-persuna kienet walset Malta mill-Italja ghal tlett ijiem u marret lura il-Libja. Mistoqsi jekk ghandux kopja ta' dan il-kont jghid li jista' jkun li ghandu. Jghid li kien jahseb li dan il-kont kellu jhallsu f'daqqa. Qal li sa dakinhar li xehed parti minn dan il-kont kienet imhallsa pero' kien ghad fadal bilanc.

**PS 1540 Edmond Fenech** xehed fit-22 ta' Lulju 2014 u kkonferma x-xhieda moghtija minn PS 750 Terry James pero' zied jghid li dakinhar li ghamlu t-tfittxija kemm l-imputata, li gharaf prezenti fl-Awla, kif ukoll zewgha gew arrestati. Jghid li l-gakketta sabuha fuq is-sufan faccata tal-bieb ta' barra pero' ma kienx hemm flus go fiha. Jghid li t-tfittxija saret fil-vettura tal-ghamla Renault numru ta' registrazzjoni IBD-025 u kienet wahda negattiva. Jghid li fit-tieni tfittxija li ghamlu fir-residenza tal-imputata, kien sab pakkett bis-somma ta' sitt mitt Ewro (€600) pero' jghid li ma kienux jaqblu mad-denominazzjoni tal-flus li l-kwerelant kien qal li kienu insterqulu u lanqas ma kien hemm qbil fir-rigward l-ammont, pero' minkejja dan xorta elevahom u ghaddiehom lill-Ispettur Trevor Micallef.

**PS 157 Brian Mifsud** xehed nhar il-25 ta’ Awissu 2014 u jghid li kien tkellem mal-kwerelant Tamimi li kien qallu li kien pogga s-somma ta’ elf Ewro (€1,000) fil-but ta’ gewwa. Ghalhekk huwa ezamina il-filmat tas-CCTV li kien hemm gewwa l-Casino. Jghid li l-kweralant kien qallu li kien ghamel *cash out* fil-*machine* u wara pogga dan l-ammont fil-but ta’ gewwa tal-gakketta. Jghid li rrizultalu li l-unika darba li kien ikkaxxja s-somma ta’ elf Ewro (€,1000) kien mill-*cash point* u mhux mill-*cash machine* u kien pogga din is-somma fil-but tal-qalziet. Jghid li mill-filmat li ezamina seta’ jara lill-kwerelant johrog affarijiet mill-but tal-gakketta f’xi tliet okkazzjonijiet, pero’ rah jigbed sigaretti u *mobile phone*. Huwa fil-fatt esebixxa dan il-*footage* li gie markat bhala Dok Z ( fol. 29). Jghid li huwa kien ikkonfronta lill-kwerelant b’dak li kien irrizultalu u jghid li l-kwerelant baqa’ jikkonferma mieghu li kien gibed il-flus mill-*cash out*. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-okkorrenza li giet markata bhala Dok Z1 ( fol. 30).

Minn e**z**ami **ta’** din l-okko**rr**en**z**a datata 8 ta**’** **D**icembru 2013 mehuda minn PC 407 Kenneth Scicluna jirrizulta li l-kwer**ela**nt kien irraporta li kien rebah is-somma ta**’** elf u tl**i**et mitt **Ew**ro **(**€1,300) waqt li kien qed jilghab il-loghba Roulette u mar sabi**e**x isarraf ic-*chips* u kien pogga s-somma **t**a**’** elf **Ew**ro (€100**0**) fil-but ta**’** gewwa tal-gakketta. Il-kumplament, tliet mitt Ewro (€300) zammhom biex ikompli jilghab. Aktar tard mar jilghab b’magna ohra u pogga l-gakketta fuq siggu. Ghal darb’ ohra rega’ rebah u ddecieda li jbiddel il magna tal-loghob. Meta gie biex jitlaq induna li kien nesa l-gakketta hdejn il-magna ta’ qabel u meta mar ghaliha ma sabhiex. Jirrizulta li wara ghamel rapport kemm lid-dirigenti tal-Casino kif ukol lill-Pulizija.

**Sarell Maree** xehed ghan-nom u in rappresentanza ta’ Dragonara Gaming Limited. Jiftakar li l-Pulizija kienu infurmawhom li wiehed mill-klijenti tal-Csino kienet insterqitlu l-gakketta. Il-Pulizija talbuh jekk setax jghaddi kopja tal-filmat ta’ dak il-lejl partikolari. Huwa gharaf il-filmat esebit u markat bhal Dok. Z bhala dak moghti minnu lill-Pulizija Ezekuttiva. Mistoqsi jekk rax il-filmat jghid li rah u irrizultalu li verament kien hemm gakketta fuq dahar ta’ siggu, u ra

li kien hemm mara li hadet portmoni mill-gakketta. Din kienet flimkien ma' ragel. Wara ra lill-istess mara tpoggi l-portmoni fit-*tray* tal-muniti w jghid li induna li kienet qed thoss il-bwiet tal-gnub tal-gakketta. Huwa gharaf lill-imputata odjerna bhala l-istess persuna murija fil-filmat. Huwa esebixxa kopja tar-rapport li ghamel il-kwerelant mad-dirigenti tal-Casino li gie markat bhala Dok Z a fol. 38.

**L-Ispettur Trevor Micallef** xehed nhar it-13 ta' Ottubru 2014 u spjega li nhar it-8 ta' Dicembru 2013 kien gie infurmat minn PS 1540 Edmond Fenech ghall-habta tas-6.45a.m. li kien ghadu kif gie infurmat mill-Casino tad-Dragonara li kien hemm ragle li allegatament kienet insterqitlu gakketta tal-jeans bil-flus li kien hemm go fiha. Jghid li l-Pulizija marru fuq il-post u raw il-filmat u inghataw l-informazzjoni li z-zewg suspettati kienu l-imputata w zewgha. Jikkonferma li l-pulizija marru id-dar taghhom ftit minuti wara u hemmhekk sabu l-gakketta. Ghamlu tfittxija fid dar kollha kif ukoll fil-vettura taghhom izda din tat rizultat negattiv rigward il-flejjes li gew rapportati misruqa. Qal li huwa ra il-filmat u hass li zewg l-imputata ma kienx jaf x'kienet qed taghmel. Fil-filmat l-imputata tidher tisraq il-gakketta. Jghid li fl-istqarrija taghha l-imputata tammetti li serqet il-gakketta izda mhux li serqet il-flus.

Illi nhar it-2 ta' Dicembru 2014 din il-Qorti kif presjeduta kienet innominat lill-espert Kurt Mahoney sabiex jaghmel kopja tal-kontenut tal-filmat Dok Z bil-ghan li dan ikun jista' jintwera fuq *media player* normali. Nhar it-18 ta' Dicembru 2014 deher Kurt Mahoney u pprezenta kopja tal-kontenut tad-DVD li gie markat bhala Dok KM1 u ghadda kopja ta' l-istess lid-difiza.

Illi l-imputata **Caroline Li** irrilaxjat stqarrija f'dawn il-proceduri mehuda *a tempo vergine* ta' l-investigazzjoni liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 11. F'din l-istqarrija spjegat dak li ghamlet dakinhar tas-serqa tal-gakketta. Spjegat li marret il-Belt tigbor lil zewgha li kien ghadu kif spicca mix-xoghol u baqghu sejrin Paceville. Tghid li kienu xi s-2.15a.m. meta waslu fl-istabiliment

Footloose. Ghal habta tal-4.00a.m. bdew jaghlqu l-hwienet u flimkien ma' zewgha marru l-Casino Dragonara. Qalet li hemmhekk ma damux u nefqu xi erbghin Ewro (€40). Tghid li kellhom *target* kemm kienu se jonfqu u appena lahqu t-*target* telqu 'l hemm. Spjegat li waqt li kienet gewwa l-Casino kien hemm gakketta ma' siggu u waqt li kienet hierga w kienet fis-sakra ghaddiet minn hdejha, hasset li kien hemm xi *cards* go fiha. Nehhiet il-*cards* minn go fiha u halliethom hdejn il-magna u hadet il-gakketta maghha. Mistoqsija ghaliex serqet il-gakketta tghid li ma tafx x'kienet qed taghmel minhabba s-sokor li kellha. Mistoqsija jekk ratx lil sid il-gakketta qabel ma haditha, tghid li ma ratux. Dak il-hin poggiet il-gakketta fil-karozza w saqu 'l hemm. Appena waslu d-dar qabdet l-affarijiet taghha, inkluz il-gakketta, w tellghathom fil-flat.

Mistoqsija jekk fittxitx fil-gakketta waqt li kienet ghadha fil-Casino, tghid li ma tiftakarx fejn fittxet. Mistoqsija jekk kienx hemm flus fil-gakketta tghid li ma kienx hemm.

Illi nhar l-24 ta' Marzu 2015 l-istess **Caroline Li** xehdet fil-Qorti *viva voce*. Ikkonfermat li marret il-Casino dakinhar imsemmi fl-akkuza w f'xi hin rat gakketta fuq siggu u dahhlet idejha fil-bwiet taghha biex tara jekk kienx hemm xi *tokens* biex tilghab fuq il-magni. Tghid li pero' fil-bwiet ma kienx hemm *tokens* pero' kien hemm *folder*. Hargitu, rat li ma kien fih xejn, u poggietu fuq il-magna stess, imbaghad mar zewgha w staqsiha ghal xi flus zghar biex jixtri s-sigaretti w mar jixtri. Taf li qamet, hadet il-gakketta li kien hemm u telqet biha.

Tghid li hadet il-gakketta ghaliex kienet naqra fis-sakra. Tghid ukoll li dakinhar damu xi hmistax-il minuta biex waslu d-dar u appena waslu lura d-dar tefghu kollox fuq is-sufan. Taf li ftit wara waslu l-pulizija w tathom il-gakketta pero' xorta ghamlu tfittxija gewwa darha w gewwa l-vettura taghha, u wara marret maghhom l-ghassa. Mistoqsija ghal darb' ohra jekk sabitx flus fil-gakketta, tghid li ma sabitx. Mistoqsija jekk tahdimx, tghid li le ma tahdimx, pero' flus m'ghandhiex bzonn u qatt ma kellha x'taqsam mal-pulizija.

Nhar is-7 ta’ Mejju 2015 xehed **Riue Li** u kkonferma li l-imputata hija martu. Jghid li dakinhar tat-8 ta’ Dicembru 2013 kienu hadu xi *drink* qabel ma marru l-Casino u wara l-Casino marru dritt id-dar. Mistoqsija jekk jiftakarx li martu kienet qed iggorr gakketta li ma kienitx taghha jghid li ma tax kaz. Jghid li appena waslu d-dar qaghad ftit fuq is-sufan u wara xi ghaxar minuti waslu l-pulizija w raw li kien hemm gakketta fuq is-sufan. Jghid ukoll li l-puliizja allegat li f’din il-gakketta kien hemm is-somma ta’ elf Ewro (€1,000). Mistoqsi jekk rax lill-mara tieghu b’dawn il-flejjes jghid li ma rahiex. Jikkonferma li saret tfittxija gewwa daru u li ma nstab xejn mill-flus u li in segwitu’ gie ukoll arrestat . Jghid li fl-ebda hin ma ra lil martu b’xi flus. Ikkonferma li huwa jahdem bhala kok il-Belt u ilu f’dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhar hames snin. Jistqarr ukoll li kemm hu kif ukoll martu m’ghandhomx problemi finanzjajri. Mistoqsi ghaliex martu serqet il-gakketta jghid li ma jafx, izda jghid li forsi kienet fis-sakra.

Il-Qorti ezaminat id-DVD esebit fl-atti u minn dan l-ezami jirrizulta s-segwenti:-

- Hija tasal fil-kamra fejn hemm il-magni tal-loghob fil-05.12.01a.m.
- Tpoggi bil-qieghda fuq banketta u tpoggi *token* fil-magna fil-5.12.24 a.m.
- Tibda tfittex fil-but ta’ gewwa tan-naha tax-xellug tal-gakketta li hemm fuq dahar is- siggu fejn poggiet.
- Mill-but tohrog *folder* li fih kien hemm xi karti, izda wara li ezaminatu tpoggih fit-tray tal-magna u dan fil-05.13.52 a.m.
- Zewgha jmur hdejha waqt li qed tilghab fuq il magna w ma jinduna b’xejn u dan fil-05.14.10 a.m.
- Tiftah il-portmoni taghha u taghti xi flus muniti lil zewgha u dan fil-05.14.50a.m. u wara jitlaq ‘l hemm.
- Tibda tfittex fil-but tal-lemin u dan fil-05.15.13 a.m. u darb’ ohra fil-05.15.22a.m. pero’ ma tohrog xejn mill-but.
- Hija titlaq mill-kamra bil-gakketta f’idha fil-05.15.46a.m.

- Jigi nnotat li fil-kamra fejn kien hemm il-magni tal-loghob ma kien hemm hadd u l-gakketta kienet impoggija ma' dahar ta' siggu quddiem magna tal-loghob.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza nhar id-9 ta' Gunju 2015 fejn talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Huwa minnu li skont l-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputata u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg'</u>**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-

sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil'**,

"*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li ipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Parctice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs R** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure taht there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**'.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma’ xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet ta’ dak li gara fis-sieghat bikrin ta’ filghodu tal-jum tat-8 ta’ Dicembru 2013 gewwa il-Casino tad-Dragonara, dik proposta mill-imputata Caroline Li li tghid li waqt li kienet fil-kamra tal-magni tal-loghob fil-Casino rat gakketta li kienet wahedha fuq dahar ta’ siggu w haditha maghha d-dar. Pero’ tghid li f’din il-gakketta flus ma kienx hemm. U l-verzjoni tal-allegat vittma Adel E.A. Al Tamimi li jghid li huwa halla l-gakketta tieghu b’elf Ewro fil-but ta’ gewwa u meta mar lura ghaliha la sab il-gakketta u wisq inqas il-flus li kien hemm go fiha.

Ghalhekk m’hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin, ghalkemm jinghad sa minn stadju bikri tas-sentenza li jidher li l-imputata, li giet investigata *a tempo vergine* tal-investigazzjoni, baqghet konsistenti fil-verzjoni tal-fatti taghha sa meta xehdet fil-Qorti *viva voce* minn jeddha sentejn wara l-incident.

Illi ghalhekk m’hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti ghandha tqis l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta’ fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hijiex imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti fortunatament hi f'pozizzjoni vantaggjuza ghall-Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta' zmien u ghalhekk hi f'pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif donnu gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker'**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzata tigi ddikjarata hatja, l-akkuza dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Philip Zammit et**' li tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li '*dubju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer**', dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Il-Qorti ghalhekk ghandha taghmel apprezzament tal-fatti fl-isfond tas-suespost.

F’dan il-kaz il-Prosekuzzjoni esebiet kopja tal-filmat li ttiehed dakinhar stess gewwa il-Casino u dana jitfa’ dawl fuq dak li effettivament gara. L-imputata tghid li hija marret fil-Casino fis-sieghat bikrin tat- 8 ta’ Dicembru 2013 u waqt li kienet fil-kamra fejn hemm il-magni tal-loghob sabet ruhha wahedha u rat gakketta mdendla ma’ dahar siggu u meta telqet ‘l hemm hadet din il-gakketta maghha. Tghid li f’din il-gakketta ma kienx hemm flus u li kien hemm folder b’xi karti li halliet fuq it-*tray* tal-magna. Tghid ukoll li zewgha ma kienx hdejha l-hin kollu u li ma kien jaf b’xejn u tghid ukoll li f’xi hin mar hdejha u talabha xi flus sabiex jixtri s-sigaretti u fil-fatt taghtu xi muniti.

Issa minn ezami ta’ dan id-DVD jidher li verament fil-kamra fejn kien hemm il-gakketta imdendla, ma kien hemm hadd u mhux veru dak li gie allegat mill-pulizija fl-isqarrija li hadet tal-imputata li fl-istess kamra kien hemm sid il-gakketta. F’hin minnhom tidher l-imputata tasal u tpoggi proprju fuq is-siggu fejn kien hemm il-gakketta. Tidher li qed tilghab bit-*tokens* fuq il-magna u f’xi hin tfittex fil-bwiet tal-gakketta u mill-but tax-xellug tohrog *folder* b’xi karti u tpoggih fuq it-*tray* tal-magna. Fl-ebda hin ma jirrizulta li kien hemm xi flejjes fil-bwiet u dan qed jinghad ghaliex fl-ebda hin fid-DVD ma jidhru flejjes karti ghalkemm il-movimenti taghha gewwa din il-kamra huma kollha katturati. Ghalhekk dan id-DVD jikkorrobora fit-totalita’ ix-xhieda tal-imputata anke f’dak li jirrigwarda dettal.

Min-naha l-ohra l-allegat vittma m’huwiex konsitenti. Il-Qorti tibda billi tirrileva li ghall-ewwel ir-rapport li ghamel l-allegat vittma Al Tamimi gewwa l-ghassa tal-Pulizija kien fis-sens li huwa kellu is-somma ta’ elf u tliet mitt Ewro (€1,300) fil-but tal-gakketta tieghu li giet misruqa mill-Casino, kif ikkonferma PS 750

Terry James (fol. 18). Pero’ lil PC 407 Kenneth Scicluna, kif jirrizulta minn qari tal-okkorrenza, dan jghidlu li kellu s-somma ta’ elf Ewro (€1,000). Jidher ukoll, minn qari ta’ din l-okkorenza li Al Tamimi jirraporta li kien rebah is-somma ta’ elf u tliet mitt Ewro €1,3000) u wara li sarraf it-*tokens* kien pogga s-somma ta’ elf Ewro (€1000) fil-but. Pero’ meta Al Tamimi xehed fil-Qorti qal li kien qed jilghab fuq zewg magni u kien rebah u ha xi cekk mill-kaxxa tal-loghob u mar sabiex isarraf dan ic-cekk, pero’ qabel ma mar isarrfu mar biex jigbor il-gakketta u ma sabhiex hemm. Mistoqsi minn fejn kien gab l-elf Ewro (€1,000) li *viva voce* jghid li nsterqulu jghid li kien gabhom mid-dar u hadhom mieghu ghaliex ried ihallas xi kont ta’ habib tieghu certu Adel Mula, li jghix il-Libja, liema kont kien gholi. Pero’ aktar ‘il quddiem fix-xhieda tieghu jghid li l-habib tieghu kien gie Malta ghal xi tlett ijiem ghaliex kien wasal mill-Italja qabel ma beda r-Ramadan u allura jew kien ghadu kif kien Malta jew kien ilu li telaq u ma jkun Malta sena. Aktar tard fl-istess xhieda jghid li l-kont kien tal-fond fejn kienet tghix il-familja tieghu. Mgharraf li l-Hadd, u cioe’ dakinhar meta kien bi hsiebu jhallas dan il-kont tad-dawl u l-ilma, l-ufficini jkunu maghluqa, jghid li ma kienx jaf.

Illi il-vittma fl-ebda hin ma jgib xi prova sabiex jikkorrobora dak li kien qed jghid, per ezempju li verament kellu kont gholi xi jhallas; li dan il-kont kien effettivamet jghajjat lil familtu jew lil Adel Mula; jew li verament kien rebah xi flejjes fil-Casino. L-allegat vittma ma jaghmel xejn minn dan - jistrieh biss fuq ix-xhieda tieghu li hija inkonsistenti minkejja li moghtija fl-istess seduta. Min-naha l-ohra l-imputata hija konsistenti f’dak li qalet u zammet l-istess versjoni tal-fatti sa mill-mument meta giet interrogata *a tempo vergine* tar-reat. In oltre m’hemmx dubju li x-xhieda taghha hija korroborata bid-DVD li giet esebita u dan ghar-rigward ta’ dak kollu li gara fil-kamra tal-magni meta effettivament insterqet il-gakketta.

Ghaldaqstant din il-Qorti temmen li l-Prosekuzzjoni pprovat li l-imputata verament serqet gakketta bil-lejl, pero’ ma ssibhiex hatja li serqet is-somma ta’ elf Ewro (€1,000). Jinghad ukoll, ghal kull buon fini, li l-Prosekuzzjoni ma pprovatx il-valur tal-gakketta tal-jeans li giet misruqa w ghalhekk din il-Qorti ser tikkunsidra li m’hemmx l-aggravju tal-valur f’dan ir-rigward.

Dwar il-piena ghalhekk il-Qorti rat li l-Fedina Penali tal-imputata hija wahda nadifa, bl-ebda tebgha ta’ kontravenzjoni jew reat registrat fuqha, w ghalhekk ghandha tigi trattata bhala ‘*a first time offender’*. Jinghad ukoll li l-allegat vittma inghata lura il-gakketta ftit tal-hin wara li insterqitlu.

Ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-**Artikoli 261 (c) (f) u 281 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikajra li ssib lill-imputata CAROLINE LI hatja ta’ l-akkuza ta’ serq tal-gakketta bl-aggravju tal-lejl u mhux hatja ta’ l-aggravju tal-valur u tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghall-perijodu ta’ sentejn millum ai termini ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------